MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2006

Numru 474/2006

Il-Pulizija
(Sp Johann Fenech)
vs
Ġużeppi Dimech, iben Gio Maria,
imwieled Ħal-Għaxaq fit-28 ta'
ottubru, 1954

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat talli fis-27 ta' marzu, 2006 għal ħabta tal-11.00 p.m. fi Triq In-Noqqara, Birżebbuġia –
1. attakka jew għamel reżistenza bi vjolenza jew b'ħebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra PS853 Frank Sciberras, persuna nkarigata skond il-liġi minn servizz pubblku, waqt li kien qed jaġixxi għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħti skond il-liġi mill-awtorita' kompetenti;
2. inġurja u hedded lill-PS853 Frank Sciberras, persuna nkarigata skond il-liġi minn servizz pubbliku, waqt li kien

qed jagħmel jew minħabba li kien għamel dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbeżżgħu jew li jinflwixxi fuqu kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;
3. ma obdiex l-ordnijiet leġittimi tal-pulizija jew ma ħalliehomx jew fixkilhom waqt il-qadi ta' dmirijiethom;
4. insulenta bi kliem lill-PS853 Frank Sciberras, persuna nkarigata skond il-liġi minn servizz pubbliku;
5. kiser il-bon ordni u il-paċi pubblika b'għajjat, storbju, ġlied, dagħa jew mod ieħor u qal kliem oxxen fil-pubbliku.
Il-Qorti ġiet mitluba li barra l-piena stabbilita għal dan ir-reat tapplika l-provvedimenti tal-artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali għas-sigurta' ta' PS853 Frank Sciberras.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tat-23 ta' ġunju, 2006 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 95, 96, 338(dd)(ee) tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah għal ħlas ta' multa ta' ħamsin lira maltin (Lm50).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------